**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 63 – IT-TLIETA, 1 TA' MARZU 2016 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku (5.55pm) |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (5.50pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 61**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-5.50pm

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 62**

2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

2.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-5.55pm

## 3 Approvazzjoni Minuti Laqgħa Annwali

3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

3.2 Is-Sur Malcolm Abdilla ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Pagamenti Numru 54

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jiġi approvat il-pagament ta' 1252.43 Ewro għall-insurance tal-Kunsill.

## 5 Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji 2015

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-estimi finanzjarji 2015. Ġie innutat li l-Kunsill jidher li għandu surplus tajjeb għal din is-sena.

5.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-estimi finanzjarji. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Korrispondenza

6.1 Kien hemm diskussjoni fuq talba minn San Ġwann Football Club biex il-Kunsill, flimkien mal-Club jorganizza t-tournament tal-football tal-Għid. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-Kunsill jieħu sehem f'dan it-tournament u jikkontribwixxi 500 Ewro. Kif kien gie deċiż wkoll li jekk il-Kunsill ikollu talbiet bħal dawn, il-Kunsill jikkontribwixxi sa massimu ta' 500 Ewro. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

6.2 Ġiet innutata talba għal reklamar fuq arbli tad-dawl. Ġie deċiż li ma tiġix milqugħa din it-talba.

6.3 Ġie innutat Rapport DPA fuq il-proposta tad-dar tal-anzjani f'Wied Għomor. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Perit tal-Kunsill biex itina spjegazzjoni tiegħu aktar konċieża. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li l-Kunsill ikun kontra kull żvilupp f'Wied Għomor. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Is-Sur Malcolm Abdilla ddikjara konflitt ta' interess u naqqas li jidħol fid-diskussjoni u l-vot. Kien hemm 7 favur u xejn kontra.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward Nazzareno Vassallo Award ta' Care Malta. Il-Kunsill m'għandux nomina għal dan.

6.5 Ġiet innutata talba minn Cafe Giulia, għal no objection għal tables and chairs kif ukoll canopy quddiem il-ħanut. Ġie deċiż li tinħareġ No Objection fuq dawn. Ġiet approvata ukoll advertising bollard fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq 9 ta' Frar għal Cafe Giulia skont il-by law tal-Kunsill.

6.6 Ġiet innutata proposta biex San Ġwann jieħu sehem f'Neighbours Day. Ġie deċiż li ma nieħdux sehem f'din.

6.7 Il-Kunsill innota korrispondenza minn TM rigward parkeġġ fi Triq is-Sardinella. Il-Kunsill ma jistax japprova parkeġġ riżervat għar-residenti ta' din it-triq u TM kkonfermat li din mhux permessibbli.

6.8 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza mill-MEPA rigward talba biex jiġu eliminati paraketti fi Triq Birkirkara. Ġie deċiż li tintalab aktar informazzjoni fuq din.

**7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar l-iffirmar tal-MOU mal-Ministeru tal-Ambjent għall-fondi tat-tħaddir ta' San Ġwann.

7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-laqgħa mal-Bord tal-UIF rigward l-użu għal dawn il-fondi biex jinbena ċ-ċentru għat-taħriġ. Preżentament, dan il-proġett ma kkwalifikax għal dawn il-fondi, imma l-Kunsill ġie mogħti parir biex jikteb lill-Kap Eżekuttiv tal-MEPA biex dan il-proġett jiġi kkunsidrat peress li huwa xi ħaġa li ser igawdi minnu l-lokal kollu.

**8 Affarjiet Oħra**

8.1 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex issir laqgħa mal-kuntrattur li qed jagħmel il-websajt tal-Kunsill. Dan għandu jsir il-ġimgħa d-dieħla. Hu talab għal feedback fuq il-laqgħa li saret mal-Ministeru Joe Mizzi fuq is-servizz tal-karozza tal-linja. Fil-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz għandu jiżdied fi żmien qasir.

8.2 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet għall-follow-up fuq it-talba biex titneħħa siġra fi Triq l-Ibiskus. Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha ssir site visit u l-Kunsill għadu jiġi nfurmat.

Is-Sur Michail Micallef u s-Sur Neville Mallia skużaw ruħhom mil-laqgha fis-6.45pm.

8.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isir follow-up fuq bozoz ġodda fi Triq tal-Balal. Għandu jsir kuntatt mal-Enemalta.

8.3 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jsiru 2 fanali quddiem il-Kappella ta' Santa Margerita bi prezz ta' 475 Ewro + VAT. Kien hemm qbil unanimu. Ressaq ukoll proposta mit-TCTC lir-Reġjun biex isiru korsijiet għall-anzjani fuq bażi ta' Reġjun. Kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.00pm.

8.3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li tiġi rranġata l-gazebo ta' Ġnien Santa Margerita. L-istima tal-kuntrattur tal-Kunsill hija ta' 1724 Ewro. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol.

8.4 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

8.4.1 L-attività tat-3 ta' April 2016. Kien hemm qbil li għandha ssir plakka tal-okkażjoni kif ukoll bord bl-informazzjoni tal-għasafar li hemm fil-guva..

8.4.2 Ilmentat fuq biċċa art li hemm aċċess għal Child Minding Centre u Gym. Din l-art tkissret mill-kuntrattur li bena ċ-Child Minding Centre. Għandha ssir talba biex din it-triq tiġi rranġata.

8.4.3 Għandha ssir talba għal ħaddiem ieħor minflok is-Sur Philip Dimech peress li dan ser jirtira.

8.4.4 Kien hemm qbil li jinxtara safety shoes lill-ħaddiem tal-Kunsill li jagħmel xogħol fuq il-lant.

8.4.5 Kien hemm qbil li tiġi rranġata s-soft area fi Ġnien Ġorġ Zarb peress li din qed tkun perikoluża għal min jgħaddi bil-karozza.

8.5 Is-Sur Malcolm Abdilla tkellem fuq id-diżappunt tar-residenti li Triq il-Mensija ġiet patched minflok resurfaced. Il-Kunsill qabel mas-Sur Abdilla, imma dan kien xogħol tal-WSC u mhux tal-Kunsill.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**

**Etienne Bonello Du Puis**